MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-2 ta' April, 2007

Numru 31/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Axiaq**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Axiaq talli nhar is-17 ta’ Settembru, 2006 fl-04.15am bhala l-persuna li kellha l-permess biex taghmilha ta’ sostitut u tiggestixxi l-hanut ‘Al Porto’ u bhala persuna li f’idjha kellha it-tmexxija tal-hanut ‘Al Porto’ li jinsab fi Triq Manoel De Vilhena, Mgarr limiti ta’ Ghajnsielem, Ghawdex:

1. Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet ohra li ghaliha hija soggetta l-licenjza ta’

Jonathan Xuereb billi halla il-hanut miftuh ghall-pubbliku wara s-01.00am bi ksur tal-Artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409;

2. Talli fl-istess data, hin u lok daqq jew ippermetta li tindaqq muzika amplifikata b'tali mod li kienet tinstema' minn barra, bi ksur tal-Artikolu [recte: regolament] 38(2)(c) tal-Avviz Legali 1/2006; u

3. Talli fl-istess data, hin u lok daqq jew ippermetta li tindaqq muzika amplifikata fil-hanut 'Al Porto' b'kull mezz fil-kors jew bhala parti minn attivita` kummercjali bejn l-04.00am u d-09.00am bi ksur tal-Artikolu [recte: regolament] 38(4) tal-Avviz Legali 1/2006;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-18 ta' Jannar 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Paul Axiaq hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta' mitt lira (Lm100);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-2 ta' Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi :

1. Tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant Axiaq hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, filwaqt li

2. Tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn infliggiet piena ta' multa ta' Mitt Lira Maltin (Lm100), u

3. Minflok tinfliggi l-piena kontra tieghu skond il-Ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2007; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel qorti, li l-Avukat Generali jikkontendi li ma kienitx fil-kwalita` taghha kif ukoll fil-kwantita` taghha dik komminata mill-ligi. Jikkontendi l-appellant li l-piena ghall-ksur tar-regolamenti tal-Avviz Legali 1 tal-2006 hija dik provvduta fl-Artkolu 29 tal-Kap. 441 u cioe` ta' <u>ammenda</u> (mhux multa) bejn Lm50

u Lm500 lira ghall-ewwel ksur u bejn Lm100 u Lm1000 ghat-tieni ksur jew aktar; filwaqt li taht l-Artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409 il-piena hija dik ta' multa ta' mhux anqas minn hames mitt lira (Lm500) u mhux aktar minn ghaxart elef lira (Lm10,000). L-appellat, min-naha tieghu u permezz tal-abbli difensur tieghu Dott. Monica Vella, issottometta li dan kien kaz fejn kien hemm cirkostanzi "specjali u straordinarji" li jimmilitaw li din il-Qorti tinzel taht il-minimu tal-piena skond il-ligi u li, fi kwalunkwe kaz, kien evidenti li l-ewwel qorti riedet taghti piena fil-minimu, jew aktar lejn il-minimu, taghha.

Din il-Qorti, pero`, ma tara xejn "specjali u straordinarju" li b'xi mod u remotament jista' jinduciha li tapplika l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u tinzel taht il-minimu. *Catering establishments* jipprovdu servizz importanti, specjalment fil-kamp turistiku, pero` mill-banda l-ohra ghandu jigi assigurat li dawn jirrispettaw id-drittijiet ta' haddiehor, fosthom ta' nies fil-vicinanzi jew fl-akkwati li ghandhom id-dritt ukoll ghall-mistrieh taghhom bil-lejl. Huwa ghalhekk li l-kundzzjonijiet tal-licenzji, specjalment dawk il-kundizzjonijiet dwar daqq ta' muzika, hsejjes ecc. ghandhom jigu osservati skrupolosament – u jinkombi wkoll fuq l-awtoritajiet koncernati li, b'enfurzar metodiku u strett, jassiguraw li l-interessi tal-komunita` in generali jigu wkoll imharsa. Ma tistax persuna, ghax tahdem fis-settur tal-*catering* jew f'dak tat-turizmu, tigi taqa' w tqum minn kulhadd. Mill-fedina penali aggornata tal-appellat, ezibita fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2007, jidher li l-appellat diga` kellu kaz ta' *illegal dumping*, kif ukoll ta' oltragg lil ufficjal pubbliku, disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti u li ghamilha ta' *substitute* minghajr licenzja. Sa issa dejjem inghata pieni pekunjarji f'ammonti minuskoli li x'aktarx nisslu fih il-konvinzjoni li huwa seta' jibqa' ma josservax il-ligi b'impunita`. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-abbili difensura ta' l-appellat meta din talbet li l-piena tkun fil-minimu taghha. Jizdied jinghad li f'dan il-kaz hemm lok tal-applikazzjoni tal-paragrafu (h) tal-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali f'dik li hija r-relazzjoni bejn it-tieni u t-tielet imputazzjoni ma' l-ewwel imputazzjoni. Kwantu ghall-pieni applikabbli, il-Qorti ezaminat id-dispposizzjonijiet relattivi u

taqbel ma' l-Avukat Generali fl-esposizzjoni tieghu dwarhom.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u konsegwentement thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellat Paul Axiaq gie mmultat komplessivament multa ta' mitt lira (Lm100) u minflok tikkundannah multa ta' elf lira (Lm1,000), konvertibbli f'sitt xhur prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------